

# Razza Mużikali ta' Ħames Surmastrijiet

**Kitba ta' Pawlu Zammit**

**It-8 ta' Diċembru** hija data memorabbli għall-poplu Bormliż, għax f'din il-ġurnata jiċċelebra l-festa tant għal qalbu ta' Marija Immakulata.

Nista' ngħid li mhux biss il-Bormliżi, li għandhom għal qalbhom din il-festa, imma l-poplu Malti kollu li jattendi għall-funzjonijiet reliġjużi li jibdew ġurnata qabel tibda n-novena, li ta' min jirrimarka ssir filgħodu kmieni, u jilħqu l-qofol tagħhom nhar il-festa filgħodu b'quddiesa sollenni, b'paneġierku minsuġ dwar Marija Immakulata Kunċizzjoni.

Il-knisja minn ħafna qabel tkun ġa mimlija bin-nies, fejn ħafna minnhom jiġu minn sigħat qabel, sabiex jilħqu l-aħjar postijiet u jsegwu bl-akbar attenzjoni u devozzjoni l-funzjoni.

Filgħaxija n-nies tiġi bi ħġarha f'din il-Belt tal-Immakulata biex issegwi l-purċissjoni bl-istatwa tant artistika u devota tal-Kunċizzjoni. Din l-istatwa ġiet skolpita fl-1680 u hija attribwita għal Suor Marija De Domenicis li għamlet din l-istatwa minn zokk ta' siġra li fuqha t-tradizzjoni tgħid dehret il-Madonna. Din kienet tinsab fejn hemm il-Kor tal-Parroċċa. Huwa magħruf li Suor De Domenicis kienet aljieva tal-famuż artist Mattia Preti.

It-tiżjin rikk u lussuż li tkun armata l-knisja minn ġewwa, isebbaħ dan it-tempju li jpaxxi lil kull minn jagħmel żjara sabiex jammira xogħol mill-isbaħ, speċjalment fil-fided, xogħol maħdum b'sengħa kbira u dettaljata minn arġentiera ta' fama kbira.

It-triqat u l-pjazez ikunu mżejna b'armar artistiku, isem għalihom kif ukoll ġieħ lill-Belt Cospicua. Xogħol pirotekniku maħdum minn żgħażagħ Bormliżi li għalkemm limitat, xorta waħda jagħti spettaklu u jpaxxi lil dawk kollha preżenti.

Il-Banda San Ġorġ, waħda mill-eqdem baned li nsibu fil-gżejjer tagħna, li twaqqfet uffiċjalment fis-sena 1862 bl-ewwel surmast ikun il-fundatur Lorenzo Grima, tagħmel diversi marċi mat-toroq ta' Bormla fejn tkompli mal-briju u l-ferħ tal-festa. Din il-banda tesegwixxi wkoll programm

mużikali minn fuq il-planċier, quddiem il-każin u tkun immexxija b'ħila u kapaċità mis-Surmast Etienne Spiteri.

Etienne kien ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla bit-tamburlin f'lejlet il-festa ta' San Duminku fil-Birgu f'Awwissu 1990, jiġifieri 25 sena ilu. Dan iż-żagħżugħ surmast li twieled f'Bormla fl-4 ta' Marzu, 1978, qatt ma ħares lura, infatti huwa studja l-mużika fl-Iskola Johann Strauss u kompla bit-teorija għand is-Surmast Bormliż Ray Sciberras. Etienne baqa' javvanza fl-istudju mużikali tiegħu fejn kiseb diversi diplomi mil-*London College of Music* fosthom FLCM fis-sena 2012 fil-kompożizzjoni tal-mużika, l-ogħla livell li wieħed jista' jikseb f'kulleġġ mużikali. Sena wara kiseb ukoll id-Diploma FVCM (Hons).

Etienne huwa wkoll Surmast tal-Banda Pompei ta' Marsaxlokk (2007) Banda San Ġiljan (2012) kif ukoll Assistent Surmast tal-Banda Ċittadina King's Own tal-Belt Valletta. (2012). F'Lulju tas-sena 2013 ħa t-tmexxija u r-responsabilità tal-Banda San Ġorġ ta' Belt Twelidu, Bormla.

Naħseb ftit jafu li s-Surmast Etienne Spiteri huwa marbut ma' Arblu Mużikali li minnu ħarġu ħames surmastrijiet tal-banda. Minn riċerka li għamilt, din l-avventura bdiet miż-Żejtun, ir-raħal t'isfel, fi Triq Sant'Agatha għall-aħħar tas-seklu dsatax, fl-1898.



*Id-Dar fejn kienu jgħixu Tumas u Karmena mat-tfal tagħhom fi Sqaq Numru 1, Santa Agata, Żejtun*

Tumas u Karmena Busuttil (née Desira) miż-żwieġ tagħhom kellhom għaxar ulied, fejn qatt ma kienu jobsru li minn din il-familja kellhom joħorġu ħames surmastrijiet tal-Banda.

L-ewwel surmast kellu jkun Carmelo Baldacchino, li twieled iż-Żejtun, huwa emigra u mar jgħix f'Sydney fl-Awstralja fis-sena 1955. Huwa kien Surmast tal-Banda Beland u sfortunatament ħalliena fit-3 ta' Jannar tas-sena 2014 fl-età ta' 98 sena.

Is-Surmastrijiet l-oħra li ħarġu mill-familja Busuttil huma David Joseph Sammut li twieled Raħal Ġdid, Carmelo Mangion u Gordon Baldacchino li t-tnejn li huma twieldu ż-Żejtun. Il-ħames surmast, li twieled f'Bormla, huwa Etienne Spiteri li qed niddedika dan l-artiklu għalih peress din is-sena qed jiċċelebra l-25 sena ta' ħidma mużikali fi ħdan il-Banda Cospicuana.

Etienne ġej mill-familja, b'missieru Rosario (Louis) Spiteri, li fil-preżent huwa s-Segretarju tal-Banda San Ġorġ u ommu Frances née Farrugia.

In-nanna tiegħu hija Tereża Spiteri, née Desira, filwaqt li l-bużnanna tkun Katarina, née Busuttil waħda mill-aħwa ta' Tumas u Karmena, li żżewġet lil Ružar Desira, għalhekk Tumas u Karmena jiġu l-bużbuż nanniet tiegħu.

Nixtieq insellem u ngħid grazzi lil kull min għeni fl-isħarriġ u r-riċerka li għamilt sabiex nikteb dan l-artiklu. Nawgura lis-Surmast Spiteri sabiex ikompli bit-tagħlim tiegħu tal-mużika biex ikollna aktar mużiċisti bravi, u min jaf forsi wkoll mill-familja tiegħu joħroġ xi surmast ieħor u tkompli tikber il-lista ta' surmastrijiet mir-razza Busuttil. Fl-aħħar nett nawgura lil ħuti Bormliżi l-Festa t-tajba u l-Barka tal-Kunċizzjoni.

